MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Numru. 35/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**PETER PAUL PORTELLI**

**Seduta ta' Ilum, 8 ta' Novembru 2005**
**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PETER PAUL PORTELLI** ta' hamsa w erbghin sena, bin il-mejjet Saviour u Maria nee Sammut, imwieled in-Nadur, Ghawdex nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 1952 u residenti 'Pete and Eve Canadian House', Triq ta' Hida, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 64352G, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tlettax ta' Gunju 2004 ghal habta tad-disgha w kwart ta' filghodu fl-inhawi maghrufa bhala ta' Mghajza, limiti tan-Nadur, Ghawdex:

1. Kiser voluntarjament l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
2. Talli ingurja u hedded bil-kliem lil Joseph Portelli;
3. Talli minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta haddiehor f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra u cioe kkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Joseph Portelli minn Nadur, Ghawdex skond ma ccertifika Doctor Ian Galea mill-isptar Generali ta' Ghawdex;
4. Talli fil-hmistax ta' Gunju 2004, bejn s-sitta w it-tmienja ta' filghodu, fl-inhawi maghrufa bhala ta' Mghajza, limiti tan-Nadur, Ghawdex, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe qaccat marbat ta' ziemel ghad-dannu ta' Joseph Portelli minn Nadur, Ghawdex, liema ammont ta' hsara ma jeccedix l-hamsin lira maltin izda jeccedi l-ghaxar liri maltin.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali, esibit f'dawn l-atti datat ghaxra ta' Settembru 2004 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar t-tletin ta' Settembru 2004 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif jirrizulta a fol 14 tal-atti.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-ghoxrin ta' Ottubru 2005.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 2004 xehed Joseph Portelli** [fol 18] fejn qal li fit-tlettax ta' Gunju 2004,

ghal habta tad-disgha w nofs ta’ filghodu waqt li kien bil-mohriet, waqt li kien tiela mill-ghalqa fejn kien qed ilaqqat l-hawh [u kien telaq kmieni ghaliex kellu laqgha fl-ghaxra ta’ filghodu,] l-imputat mar fuqu tah daqqa fuq wiccu w imbuttah mill-gemb u gie fuq x-xellug ta’ passagg tas-siment. Qal li hu qam, u l-imputat hareg l-mus ghalih u staqsieh ghaliex kien mar jirrappurtah qabel.

Qal li jekk jiftakar sew, fit-tlieta ta’ Gunju l-imputat kien dahal ghandu u hadlu l-ilma. Qal li hu ma kellmu xejn pero l-imputat baqa jissodah bil-mus u jxejjru lejh u kif gie c-cans hu tela fuq il-mohriet u telaq ‘l hemm. Qal li l-imputat dam hafna jinsulentah ghaliex kien hemm bicca ghalqa u kien jghidlu li jekk jidhol fiha, jqattghu bil-mus, pero hu baqa ma kellmux.

Kompla jghid li jumejn wara, hu kellu marbat tal-hadid li jitwahhal mal-hajt ta’ ziemel li kien ilu ghandu mill-1994, u l-imputat qataghulu ghal ebda raguni. Zied jghid li l-imputat kien ghamillu mandat biex ma jorbotx z-ziemel f’din l-ghalqa komuni fis-sena 1994, hu kien ghamel risposta li z-ziemel kien qed jorbtu ma gemb l-kamra u l-Qorti cahditlu t-talba. Ix-xhud ippresenta l-mandat in kwistjoni li gie mmarkat bhala dokument J.

Qal li dakinhar li waqa mal-art fit-tlettax ta’ Gunju 2004, hu wegga’ spalltu u kellu jmur l-isptar w irrangawhielu u dam xi xahrejn imur ghat-terapija u li kien ghadu jbati bi spalltu ghax baqa difettuz minnha. Huwa ppresenta r-rapport tal-kirurgu Mr Raymond Aquilina f’dan r-rigward li gie mmarkat bhala dokument T1 a fol 24 tal-atti.

Illi **nhar d-disgha ta’ Settembru 2005 rega’ xehed Joseph Portelli** [fol 45] fejn qal li l-incident tal-marbat u ta’ meta wegga’ spalltu kienu separati. L-incident tal-marbat sar fil-hmistax ta’ Gunju filwaqt li l-incident ta’ meta wegga’ spalltu sar jumejn qabel u cioe fit-tlettax ta’ Gunju 2004.qal li biex sewwa l-marbat nefaq xi ghoxrin lira maltin u li llum il-gurnata l-marbat li kellu m’ghadux ghandu, jinsab ghand l-imputat. Qa li ma kienx jaf x’ghamel l-imputat bih.

Illi **nhar it-tmienja ta' Marzu 2005 xehed il-kirurgu Mr. Raymond Aquilina** [fol 28] fejn qal li fil-hdax ta' Settembru 2004 hu kien ezamina lil Joseph Portelli. Qal li fl-entry datata tlettax ta' Gunju 2004, Joseph Portelli kien ammess fil-Casualty Department u wara li kien gie ezaminat mit-tobba hemmhekk, sabu li kellu spalltu tax-xellug zlugata u dakinhar kienet impoggiha lura f'postha. Zied jghid li l-ghada, erbatax ta' Gunju 2004, hu kien rega' ra lil Joseph Portelli l-klinika tieghu, iccekkja li spalltu kienet f'postha u ghamillu follow up fl-out patients u wara baqa jsegwi kors ta' fizjoterapija. Qal li fl-ewwel ta' Settembru 2004, hu kien rega' ezaminah fejn sab li l-ispalla kienet f'postha. Qal li l-pazjent dakinhar kellu bzonn injezzjoni pero halla f'idejh li din tinghata aktar tard, f'okkazzjoni ohra. Ix-xhud ikkonferma l-kontenut tac-certifikat markat bhala dokument T1 a fol 24 tal-atti bhala li gie rilaxxjat minnu u fuqu gharaf il-firma tieghu. Mistoqsi kemm idum biex ifieq minn tali griehi l-pazjent, ix-xhud wiegeb li zlugar idum sitt gimghat biex ifieq. Qal li Joseph Portelli kien qallu li kien involut fi glied u li kien waqa mal-art u li l-griehi li rriskontra meta ezaminah hu, kienu kompatibbli ma tali storja.

Illi **nhar it-tmienja ta' Marzu 2005 xehed PS 261 Raymond Caruana** [fol 30] fejn qal li fit-tlettax ta' Gunju 2004, ghal habta tad-disgha w nofs ta' filghodu PC 877 li kien qieghed xoghol n-Nadur, infurmah li kien ircieva rapport minghand Joseph Portelli li ftit qabel kellu kwistjoni ma huh dwar xi raba maghrufa Ta' Majsa fil-limiti tan-Nadur u ghalhekk hu mar jkellem lil dan Joseph Portelli d-dar tieghu. Dan kien qallu li huh l-imputat kellu xi jghid mieghu. Qal li waqt li kien ghaddej minn passagg, l-imputat habat ghalih u kawzalu xi griehi billi tefghu mal-art.

Ix-xhud kompla jghid li wara tkellem mal-imputat li qallu li waqt li kien qed jaqta jew jorbot xi sigar tal-laring fl-ghalqa tieghu, ra lil huh Joseph Portelli tiela minn passagg u dan dahal ghalih fl-ghalqa biex jhebb ghalih. Qal li hu ddefenda ruhu u spiccaw fl-idejn. Mistoqsi jekk l-imputat kienx uza xi mus waqt l-glieda, ix-xhud qal li l-imputat kien innega mieghu li hu kien mar ghal Joseph Portelli b'xi

mus. Qal li anzi spicca vittma. Qal li wara li tkellem mal-imputat hu mar rega' jitkellem ma Joseph Portelli dwar dak li kien qallu l-imputat dwar l-incident u Joseph Portelli nnega dak li kien qal l-imputat u baqa jinsisti li kien l-imputat li kien mar ghalih.

Illi **nhar l-erbatax ta' Lulju 2005 rega' xehed PS 261 Raymond Caruana** [fol 40] fejn esibixxa l-okkorrenza relattiva ghal dan il-kaz li giet mmarkata bhala dokument JG [fol 41].

Illi **nhar it-tmienja ta' Marzu 2005 xehed PS 1040 John Grima** [fol 32] fejn qal li fil-hmistax ta' Gunju 2004, ghal habta tat-tmienja w kwart ta' filghodu Joseph Portelli kien mar l-Ghassa jaghmel rapport li ghal habta tas-sitta ta' filghodu tal-istess jum, waqt li kien fl-ghalqa tieghu maghrufa bhala Ta' Majsa, limiti tan-Nadur, sab li l-marbat li kellu mal-kamra fejn jorbot iz-ziemel tieghu, imqaccat. Qal li Joseph Portelli allega li l-marbat kien ilu marbut hemmhekk mill-1994 u li kellu suspett f'huh l-imputat. Qal li Joseph Portelli ma kienx qallu kemm kellu hsara fil-marbat. Qal li sussegwentement kien mar l-imputat flimkien ma martu u qallu li kellu ittra ffirmata minn Dottor Carmelo Galea biex huma jaghtu twissija lil Joseph Portelli sabiex ma jergax jidhol b'xi mod fl-ghalqa tal-imputat. Qal li l-imputat kien qal li xi hadd kien wahhal ziemel mal-kamra u kellu suspett li setgha kien huh Joseph Portelli. Qal li l-imputat kien qal wkoll li r-raba in kwistjoni kienet ghadha ser tinqasam pero hu kien ilu juzaha ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Qal li qallu li fil-kamra kien izomm ghogol u filghodu kien induna bil-marbat u qalghu.

Illi **nhar d-disgha ta' Settembru 2005 xehed l-imputat Peter Paul Portelli** [fol 46] fejn qal li Joseph Portelli jigi huh. Qal li fit-tlettax ta' Gunju 2004, kien hemm kamra fir-raba li fiha kien izomm ghogol. Qal li dahal fiha bhas-soltu, ghalef l-ghogol u kien beda jsaqqi l-laring. Qal li f'mument minnhom mar huh ghalih bil-mingel u xejjru ma wiccu. Qal li hu qabad pajp tal-ilma u xarrbu. Hu cahad li mess mieghu. Qal li bezgha minnu ghaliex fid-disgha tax-xahar kellhom incident u kien faqalu rasu. Qal li meta

inqala l-incident Joseph Portelli kien dahal fl-ghalqa tal-ahwa li f'dak iz-zmien kienet fil-pussess tieghu, ghaliex illum il-gurnata hu hareg minnha peress li kienu qed jghamlulu xi vendikazzjonijiet.

Qal li dakinhar, apparti li xarrbu bl-ilma, ma messux lil huh. Qal li f'dak l-incident hu kien wahdu u huh kien wahdu u hu kien dam minn April sa Lulju jiehu l-kura minhabba ugiegh f'dahru. Qal li huh dakinhar baqa jaqta l-hawh sa xi s-saghtejn nofs u l-ghada kien nizel hemm isfel b'idu infaxxata u wara li nehha l-faxxa, beda jaghmel kanal tlett piedi b'sebgha peress li kien ghamel xi giebja gdida. Zied jghid li wara rega' ghamel l-faxxa ma idejh. Qal li fejn hu kien qed izomm l-ghogol, huh kien mar u wahhal marbat u hu qabad u nehhieh peress li z-ziemel jigdem u hu kellu l-ghogol hemmhekk. Qal li l-marbat qatghu dakinhar stess. Ix-xhud esibixxa zewg ritratti li juru li x-xogholijiet fuq il-marbat kienu friski. Cahad li l-marbat in kwistjoni kien ilu hemmhekk mill-1994. Qal li hu ghandu hamsin sena u qatt ma rah hemmhekk qabel l-marbat. Qal li meta qata l-marbat, remieh 'l hemm. Ix-xhud esibixxa zewg dokumenti PD 1 u PD 2 li jidher iz-zrar biss mhux il-marbat. Cahad li fit-tlettax u fil-hmistax ta' Gunju hu kien mess lil huh. Qal li hu kien jaf li l-marbat kien ta' huh u li hu ma kienx qallu jnehhieh. Qal li hu minnu li dakinhar tal-hmistax ta' Gunju 2004, hu kellu mus f'idejh, peress li kien fir-raba u kien juzah biex jaqta l-habel u jorbot l-huxlief bih. Qal li ma kienx hass l-htiega li jaghmel rapport dwar il-fatt li huh kien mar jattakkah bil-mingel.

Illi **nhar d-disgha ta' Settembru 2005 xehdet Yvonne Debono** [fol 49] fejn qalet li hi taf lil imputat u lil martu. Qalet li taf li l-imputat ghandu xi raba maghrufa bhala Ta' Majsa fil-limiti tan-Nadur. Mistoqsija jekk tafx li fix-xahar ta' Gunju 2004, ratx lil Joseph Portelli jaghmel xi xoghol, ix-xhud wiegbet fl-affermattiv, qalet li ratu jhaffer gandott fil-fies u dam jaghmlu aktar minn gurnata wahda. Qalet li taf li kellhom xi jghidu ghaliex hi tkun qed tahdem hemmhekk wkoll u tinzel spiss hemm isfel. Qalet li kienet semghet lil imputat jghid li huh kien ghamel ghalih. Qalet li kien veru li waqt li kien ikun fl-ghalqa kien inehhi l-faxxa

u wara, meta jkun tiela lejn n-Nadur jerga jaghmilha ghaliex kienet tarah hi stess. Qalet li hi tigi xi haga mill-boghod mill-imputat. Qalet li hi tmur tghin lil imputat u lil martu jaqtghu l-laring pero l-incident hi ma ratux isehh. Qalet li Joseph Portelli gieli ra hemm isfel wkoll u hi kienet tarah fl-ghalqa.

Illi **nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Settembru 2005 xehdet Evelyn Portelli** [fol 52] fejn qalet li ghalkemm hi tigi l-mara tal-imputat xtaqet li taghti d-deposizzjoni taghha. Qalet li fit-tmintax ta’ Gunju 2004, l-imputat kien qalilha li kellu incident ma Joseph Portelli pero hi ma kienetx presenti ghalih. Qalet li l-ghada tal-incident hi kienet niezla fl-ghalqa u rat lil Joseph Portelli b’mghazqa twila ma gemb giebja li lahqet saret ftit qabel. Qalet li Joseph Portelli kien qed jaghzaq. Qalet li dakinhar, aktar tard ratu b’idejh infaxxata, nezaghha u beda jahdem. Qalet li kemm il-darba nizel filghodu u sabet lil Joseph Portelli jahdem fl-ghalqa tieghu. Qalet li hi tinzel kwazi kuljum u gal xi tlett gimghat rat lil Joseph Portelli jaghmel gandott xi hamsa w sebghin pied bi tlett piedi.

Ikkonfermat li fil-passagg, marbat ta’ ziemel qatt ma kien hemm imwahhal mal-hajt u taf li l-marbat kien tnehha mill-impuat minnufih. Ma kienx dam hemm xi gimghat jew jiem, kien gie maqlugh minnufih. Ikkonfermat li l-imputat dejjem ratu jahdem fil-ghalqa tieghu. Mistoqsija kif kient taf li kellu xi haga f’idejh Joseph Portelli x-xhud wiegbet li peress li kienet ratlu faxxa, immaginat li kellu xi haga f’idejh. Qalet li l-fies huwa itwal mill-lexxuna u gejja bil-ponta. Ix-xhud ma kienetx f’posizzjoni tghid liema id kien qed juza biex jghazaq.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bic-car li l-incident principali sehh fit-tlettax ta’Gunju 2004 fl-ghalqa fejn kien qed jahdem l-imputat. Il-Prosekuzzjoni qed issostni li l-imputat aggredixxa lil Joseph Portelli waqt li d-Difiza qed issostni li f’dan l-incident, l-imputat iddefenda lilu nnifsu mill-aggressjoni tal-allegat vittma Joseph Portelli.

Minn ezami tal-okkorrenza [dok JG a fol 41] mehuda a tempo vergine tar-rapport maghmul minn Joseph Portelli, jirrizulta li Joseph Portelli kien irrapporta li waqt li kien fuq t-tractor tieghu gie nsulentat mill-imptuat u mhedded minnu li kien ser iqattghu bicciet b'sikkina kif ghamel lil Dottor Michael Grech w imbuttah mal-art. In oltre allega li l-imputat baqa jheddu bis-sikkina.

Issa, meta effettivament xehed nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 2004, [fol 18 et seq] jghid li waqt li kien bil-mohriet f'idu, l-imputat gie ghalih minn naha ta' fuq u tah daqqa fuq wiccu w imbuttah mill-gemb u gie fuq l-passagg tas-siment, qam u hu hareg il-mus u beda jxejjru ghalih. Ikkonferma li dam hafna jinsulentah u jheddu li jekk jidhol fl-ghalqa, jqattghu bil-mus.

Illi ghalhekk, il-versjoni tal-fatti kif esposta mill-allegata vittma, ghalkemm tvarja xi ftit baqghet wahda konsistenti u cioe li kien gie aggredit w insulentat u mhedded mill-imputat.

L-imputat, minn naha l-ohra, meta mitkellem minn PS 261 Raymond Caruana a tempo vergine tal-investigazzjoni, kif jirrizulta minn ezami tal-okkorenza esibita bhala dokument JG, li ma gietx kontradetta, qal li waqt li kien qed jiehu hsieb l-laring tieghu fl-ghalqa, l-allegat vittma dahal fl-ghalqa tieghu b'fies u qallu li kien ser jaqlalu s-sistema tal-irrigazzjoni u li kien ser jsawwtu waqt li beda jxejjer l-mingel f'idejh. Huwa ghalhekk beda jiddefendi lilu nnifsu. Ammetta li kellu mus f'idejh pero kien f'idejh ghaliex kien qed juzah fix-xoghol tieghu ta' tqeghid ta' pajpijiet. Illi pero cahad li hedded jew insulenta lil huh Peter Paul Portelli, l-imputat odjern.

Fix-xhieda li hu ta l-Qorti viva voce l-imputat jghid li huh dahal ghalih u hu xarbu bil-pajp tal-ilma li kellu f'idejh. Jichad pero li messu. Mistoqsi jekk kienx irrapporta dan l-incident, l-imputat wiegeb fin-negattiv.

Qatt ma jaghti spjegazzjoni ta' kif seta' spicca ferut Joseph Portelli.

Il-versjonijiet tieghu ta' x'gara bil-fati kif spjegati minnu, ma humiex l-istess

Il-vittma, fil-fehma tal-Qorti, kien aktar konsistenti fix-xhieda tieghu.

L-imputat jaghmel enfazi fuq il-fatt li l-allegata vittma mhux veru wegga spalltu ghaliex baqa jahdem fl-ghalqa fil-granet ta' wara u mhux fuq il-fatt li ma kienx hi li kkagunalu l-feriti.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza gahx-xhieda tal-Kirurgu Raymond Aquilina li jghid li l-imputat dahal l-isptar nhar t-tlettax ta' Gunju 2004 u kein qed isofri minn 'anterior dislocation of the left shoulder'. Qal wkoll li ma kien hemm ebda storja medika fil-passat tieghu li turi ferita ta' dan it-tip. Ikkonkluda fic-certifikat mediku rilaxxjat minnu li huwa ser jibqa jbati minn dizabilita permanenti.

In vista ta' din ix-xhieda ghalhekk mhux kontestat l-ferita li ssubixxa Joseph Portelli hija ta' natura gravi per durata.

**Il-Qorti** thoss li x-xhieda moghtija mill-vittma Joseph Portelli ghar-rigward ta' dan l-incident, ghandha aktar mis-sewwa u ghalhekk **tiddikjara li qed issib lil imputat PETER PAUL PORTELLI hati talli fit-tlettax ta' Gunju 2004 hedded w ingurja lil Joseph Portelli, talli kiser l-paci pubblika u talli kkawza ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Portelli**.

**Dwar t-tieni incident**, u cioe dak li sehh nhar l-hmistax ta' Gunjuu 2004, u cioe li l-imputat qaccat marbat ta' ziemel proprjeta ta' Joseph Portelli w ikkaguna hsara fl-ammont ta' inqas minn hamsin lira maltin, il-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xhieda u rat l-atti tal-Mandat esibiti fl-atti minn fejn jirrizulta min dak li qal Joseph Portelli stess fir-risposta tieghu presentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Jannar 1994 fl-att tal-Mandat numru 18/94, li hu ilu jorbot iz-ziemel f'post addattat minn zmien twil. Illi fid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Awla jirrizulta li hemm kien hemm marbat ghalkemm iz-ziemel kien diga qed jintrabat ma gemb l-hajt tal-kamra li tinsab fir-raba fis-sena 1994 w

ghalhekk meta l-imputat qal li ma kienx hemm marbat, il-Qorti thossha difficli temmnu w ghalhekk qed tiddikjara li qed issibu hati ta' din l-akkuza wkoll.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artikolu 338(dd), 339(e), 214, 216, 325, 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddecidi li ssib lill-imputat PETER PAUL PORTELLI hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u wara li rat l-fedina penali tieghu, tiddeciedi li tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li hu jonqos li josservha.**

**L-imputat minn naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------